**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta’ dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B **ID-DIRETTIVA 2003/6/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-28 ta' Jannar 2003**

**dwar *insider dealing* u manipulazzjoni tas-suq (abbuz tas-suq)**

(ĠU L 96, 12.4.2003, p. 16)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Direttiva 2008/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2008 | L 81 | 42 | 20.3.2008 |
| ►M2 | Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 | L 331 | 120 | 15.12.2010 |

▼B

# ID-DIRETTIVA 2003/6/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-28 ta' Jannar 2003

## dwar *insider dealing* u manipulazzjoni tas-suq (abbuz tas-suq)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Socjali Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Centrali Ewropew ([3]),

Filwaqt li jagixxu skond il-procedura stabbilita fl-Artikolu 251 ([4]),

Billi:

(1) Suq wahdieni genwin ghal servizzi finanzjarji huwa krucjali ghal tkabbir ekonomiku u l-holqien ta' impjieg fil-Komunità.

(2) Suq finanzjarju integrat u efficjenti jehtieg integrità tas-suq. Il-funzjonament bla xkiel ta' swieq ta' titoli u kunfidenza pubblika fi swieq huma prerekwiziti ghal tkabbir u gidekonomiku. L-abbuz tas-suq jaffettwa hazin l-integrità ta' swieq finanzjarji u kunfidenza pubblika f'titoli u derivattivi.

(3) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 1999 intitolata "L-Implimentazzjoni ta' kwadru ghall-pjan ta' azzjoni ta' swieq finanzjarji": jiddentifika serje ta' azzjonijiet li huma mehtiega sabiex jigi kompletat is-suq singolu ghal servizzi finanzjarji. Il-Kunsill Ewropew ta' Lisbona ta' April 2000 sejjah ghall-implimentazzjoni ta' dak il-pjan ta' azzjoni sa l-2005. Il-pjan ta' azzjoni jaghmel enfasi fuq il-bzonn li titfassal Direttiva kontra l-manipulazzjoni tas-suq.

([1]) GU C 240 E, tat-28.8.2001, p. 265.
([2]) GU C 80, tat-3.4.2002, p. 61.
([3]) GU C 24, tas-26.1.2002, p. 8.
([4]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Marzu 2002 (ghadha mhux ippubblikata fil-Gurnal Ufficjali), Pozizzjoni Komuni tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 (GU C E, tal-25.9.2002, p. 19) u Decizjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2002 (ghadha mhux ippubblikata fil-Gurnal Ufficjali).

▼B

(4) Fil-laqgha tieghu fis-17 ta' Lulju 2000, il-Kunsill stabbilixxa Kumitat ta' l-Ghorrief dwar ir-Regolament ta' Swieq Ewropej ta' Titoli. Fir-rapport finali tieghu, il-Kumitat ta' l-Ghorrief ippropona l-introduzzjoni ta' teknici legislattivi godda bbazati fuq approc tar-raba' livell, jigifieri principji kwadru, mizuri ta' implimentazzjoni, kooperazzjoni u applikazzjoni. Livell 1, id-Direttiva, ghandha tkun limitata ghal principji "kwadru" wiesgha generali waqt li l-Livell 2 ghandu jkollu mizuri teknici ta' implimentazzjoni li ghandhom jigu adottati mill-Kummissjoni bl-assistenza ta' kumitat.

(5) Ir-Rizoluzzjoni adottata mill-Kunsill Ewropew ta' Stokkolma ta' Marzu 2001 iffirmat ir-rapport finali tal-Kumitat ta' l-Ghorrief u pproponiet l-approc tar-raba' livell sabiex il-process regolatorju ghal legislazzjoni Komunitarja f'titoli tkun iktar efficjenti u trasparenti.

(6) Ir-Rizoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Frar 2002 dwar l-implimentazzjoni tal-legislazzjoni ta' servizzi finanzjarji wkoll iffirmat ir-rapport tal-Kumitat ta' l-Ghorrief, fuq il-bazi tad-dikjarazzjoni solenni maghmula quddiem il-Parlament fl-istess jum mill-Kummissjoni u l-ittra tat-2 ta' Ottubru 2001 indirizzata mill-Kummissarju tas-Suq Intern lill-President tal-Kumitat dwar Affarijiet Ekonomici u Monetarji tal-Parlament fir-rigward tas-salvagwardji ghar-rwol tal-Parlament Ewropew f'dan il-process.

(7) Il-mizuri mehtiega sabiex tigi implimentata din id-Direttiva ghandhom jigu adottati skond id-Decizjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta Gunju 1999 li tistabbilixxi l-proceduri sabiex jigu ezercitati l-poteri ta' implimetazzjoni ikkonferiti lill-Kummissjoni ([1]),

(8) Skond il-Kunsill Ewropew ta' Stokkolma, mizuri ta' implimentazzjoni tal-Livell 2 ghandhom jintuzaw iktar frekwentement, sabiex jigi assigurat li dispozizzjonijiet teknici jinzammu aggornati ma' zviluppi tas-suq u ta' sorveljanza, u ghandhom jigu stabbiliti limiti perentorji ghall-istadji kollha tax-xoghol tal-Livell 2.

(9) Il-Parlament Ewropew ghandu jinghata perjodu ta' tliet xhur mill-ewwel trasmissjoni ta' mizuri ta' implimentazzjoni ta' abbozz sabiex ikun jista' jezaminahom u jaghti l-opinjoni tieghu. Madankollu, f'kazijiet urgenti u gustifikati kif dovut, dan il-perjodu jista' jitqassar. Jekk, f'dak il-perjodu, tghaddi rizoluzzjoni mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni ghandha tezamina mill-gdid il-mizuri ta' abbozz.

(10) Zviluppi finanzjarji u teknici godda jsahhu l-incentivi, l-mezzi u l-opportunitajiet ghal abbuz tas-suq: permezz ta' prodotti godda, teknologiji godda, attivitajiet trans-fruntieri dejjem jizdiedu u l-*Internet.*

(11) Il-kwadru legali ezistenti Komunitarju ghall-protezzjoni ta' l-integrità tas-suq huma inkomplet. Htigiet legali jvarjaw minn Stat Membru wiehed ghall-iehor, u atturi ekonomici hafna drabi jithallew incerti dwar kuncetti, definizzjonijiet u applikazzjoni. F'xi Stati Membri ma hemm ebda legislazzjoni li tindirizza l-kwistjonijiet ta' manipulazzjoni ta' prezz u t-tixrid ta' informazzjoni li tqarraq.

([1]) GU L 184, tas-17.7.99, p. 23.

▼B

(12) L-abbuz tas-suq jikkonsisti f'*insider dealing* u manipulazzjoni tas-suq. Il-mira ta' legislazzjoni kontra l-*insider dealing* hija l-istess bhal dik ta' legislazzjoni kontra manipulazzjoni tas-suq: li tigi assigurata l-integrità ta' swieq finanzjarji Komunitarji u tissahhah il-kunfidenza ta' investituri f'dawk is-swieq. Huwa ghalhekk tajjeb li jigu adottati regoli kkumbinati sabiex jiggieldu kontra kemm l-*insider dealing* u manipulazzjoni tas-suq. Direttiva wahda tassigura fil-Komunità kollha l-istess kwadru ghall-allokazzjoni ta' responsabbiltajiet, applikazzjoni u kooperazzjoni.

(13) Moghtija l-bidliet fi swieq finanzjarji u f'legislazzjoni Komunitarja mill-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/592/KEE tat-13 ta' Novembru 1989 li tikkoordina regolamenti dwar l-*insider dealing* ([1]), dik id-Direttiva ghandha issa tigi sostitwita, sabiex tigi assigurata konsistenza mal-legislazzjoni kontra manipulazzjoni tas-suq. Hemm bzonn ukoll ta' Direttiva gdida sabiex jigu evitati trappoli fil-legislazzjoni Komunitarja li jistghu jintuzaw ghal tmexxija hazina u li jistghu jahdmu kontra kunfidenza pubblika u ghalhekk jippregudikaw il-funzjonament bla xkiel tas-swieq.

(14) Din id-Direttiva tissodisfa l-hsibijiet espressi mill-Istati Membri wara l-attakki terroristici fil-11 ta' Settembru 2001 fir-rigward tal-glieda kontra l-iffinanzjar ta' attivitajiet terroristici.

(15) L-*insider dealing* u manipulazzjoni tas-suq jipprevjenu trasparenza shiha u proprja tas-suq, li hija prerekwizit ghal kummerc ghall-atturi ekonomici kollha fi swieq finanzjarji integrati.

(16) Informazzjoni minn gewwa hija kwalunkwe informazzjoni ta' natura preciza li ma saritx pubblika, li tirrelata, direttament jew indirettament, ghal wiehed jew iktar responsabbli mill-hrug ta' strumenti finanzjarji jew ghal strument finanzjarju wiehed jew iktar. Informazzjoni li jista' jkollha effett sinifikanti fuq l-evoluzzjoni u l-iffurmar tal-prezzijiet ta' suq regolat infatti tista' tigi kkunsidrata bhala informazzjoni li tirrelata indirettament ghal wiehed jew iktar li johorgu strumenti finanzjarji jew ghal strument finanzjarju wiehed jew iktar derivattiv relatat.

(17) Fir-rigward ta' *insider dealing*, ghandu jittiehed kont ta' kazijiet meta informazzjoni minn gewwa ma toriginax minn professjoni jew funzjoni imma minn attivitajiet kriminali, li l-preparazzjoni jew l-ezekuzzjoni taghhom jista' jkollhom effett sinifikanti fuq il-prezzijiet ta' strument finanzjarju wiehed jew iktar jew fuq formazzjoni ta' prezz fis-suq regolat.

([1]) GU L 334, tat-18.11.89, p. 30.

▼B

(18) L-uzu ta' informazzjoni minn gewwa jista' jikkonsisti fl-akkwist jew id-disponiment ta' strumenti finanzjarji minn persuna li taf, jew suppost kienet taf, li l-informazzjoni li kellha kienet informazzjoni minn gewwa. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti ghandhom jikkunsidraw dak li persuna normali u ragjonevoli kienet tkun taf jew suppost kellha tkun taf fic-cirkostanzi. Barra minn hekk, il-fatt li dawk li jaghmlu s-suq, korpi awtorizzati biex jagixxu bhala kontropartijiet, jew persuni awtorizzati biex jezegwixxu ordinijiet ghan-nom ta' partijiet terzi b'informazzjoni minn gewwa jillimitaw irwiehhom, fl-ewwel zewg kazijiet, biex isegwu n-negozju legittimu taghhom ta' xiri u bejgh ta' strumenti finanzjarji jew, fil-kaz ta' l-ahhar, biex iwettqu ordni bi dmir, m'ghandux bhala fatt fih inniffsu jitqies li jikkostitwixxi l-uzu ta' din l-informazzjoni minn gewwa.

(19) L-Istati Membri ghandhom jittrattaw il-prattika maghrufa bhala "*front running*", li tinkludi "*front running*" f'derivattivi ta' komoditajiet, meta dan jikkostitwixxi abbuz tas-suq taht id-definizzjonijiet li jinstabu f'din id-Direttiva.

(20) Persuna li tidhol f'operazzjonijiet jew tohrog ordnijiet ghal kummerc li jikkostitwixxu manipulazzjoni tas-suq tista' tistabbilixxi li r-ragunijiet taghha biex tidhol f'dawn l-operazzjonijiet jew tohrog l-ordnijiet ghal kummerc kienu legittimi u li l-operazzjonijiet u l-ordnijiet ghal kummerc kienu in konformità ma' prattika accettata fis-suq regolat ikkoncernat. Xorta tista' tigi imposta sanzjoni jekk l-awtorità kompetenti stabbiliet li kien hemm raguni, illegittima ohra wara dawn l-operazzjonijiet jew ordnijiet ghal kummerc.

(21) L-awtorità kompetenti tista' tohrog gwida dwar kwistjonijiet koperti b'din id-Direttiva, ez. definizzjoni ta' informazzjoni minn gewwa fir-rigward ta' derivattivi dwar komoditajiet jew implimentazzjoni tad-definizzjoni ta' prattiki tas-suq accettati fir-rigward tad-definizzjoni ta' manipulazzjoni tas-suq. Din il-gwida ghandha tkun in konformità mad-dispozizzjonijiet tad-Direttiva u l-mizuri ta' implimentazzjoni adottati skond il-procedura ta' komitologija

(22) L-Istati Membri ghandhom ikunu jistghu jaghzlu l-iktar mod approprjat sabiex jigu regolati persuni li jipproducu jew ixerrdu ricerka li tikkoncerna strumenti finanzjarji jew dawk li johorgu strumenti finanzjarji jew persuni li jipproducu jew ixerrdu informazzjoni ohra li tirrakkomanda jew tissuggerixxi strategija ta' investiment, inkluzi mekkanizmi approprjati ghal regolament proprju, li ghandha tigi notifikata lill-Kummissjoni.

(23) It-tqeghid ta' informazzjoni minn gewwa minn dawk li johorguha fuq is-siti taghhom ta' l-*internet* ghandha tkun skond ir-regoli dwar it-trasferiment ta' *data* personali lil pajjizi terzi kif stabbilit f'din id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipprocessar ta' *data* personali u dwar il-moviment ta' din id-*data* (1).

(1) GU L 281, tat-23.11.1995, p. 31.

▼B

(24) L-izvelar malajr u gust ta' informazzjoni lill-pubbliku jtejjeb l-integrità tas-suq, filwaqt li zvelar selettiv minn dawk li johorguha jista' jwassal ghal telf tal-kunfidenza ta' l-investitur fl-integrità ta' swieq finanzjarji. Atturi ekonomici professjonali ghandhom jikkontribwixxu ghall-integrità tas-suq b'mezzi varji. Dawn il-mizuri jistghu jinkludu, per ezempju, il-holqien ta' "*grey lists*", l-applikazzjoni ta' "*window trading*" ghal kategoriji sensittivi ta' persunal, l-applikazzjoni tal-kodici interni ta' kondotta u l-istabbiliment ta' "*Chinese walls*". Dawn il-mizuri preventivi jistghu jikkontribwixxu biex jigi kkumbattut l-abbuz tas-suq biss jekk jigu applikati b'determinazzjoni u jigu kontrollati kif dovut. Kontroll adegwat ta' informazzjoni jimplika per ezempju n-nomina ta' ufficjali ta' konformità fil-korpi koncernati u kontrolli perjodici kondotti mill-awdituri indipendenti

(25) Metodi moderni ta' komunikazzjoni jaghmluha possibbli ghal professjonistsi tas-swieq finanzjarji u investituri privati li jkollhom access iktar ugwali ghal informazzjoni finanzjarja, imma wkoll zieda fir-riskju tat-tixrid ta' informazzjoni falza jew li tqarraq.

(26) Trasparenza akbar ta' operazzjonijiet kondotti minn persuni li jiskarikaw responsabbiltajiet amministrattivi lil dawk li johorgu informazzjoni u, meta applikabbli, lil persuni assocjati mill-qrib maghhom, tikkostitwixxi mizura preventiva kontra l-abbuz tas-suq. Il-pubblikazzjoni ta' dawk l-operazzjonijiet fuq mill-inqas bazi individwali tista' wkoll tkun fonti ta' valur gholi ta' informazzjoni ghall-investituri.

(27) Operaturi tas-suq ghandhom jikkontribwixxu ghall-prevenzjoni ta' l-abbuz tas-suq u jadottaw dispozizzjonijiet strutturali mmirati lejn il-prevenzjoni u l-kxif ta' prattiki ta' manipulazzjoni tas-suq. Dawn id-dispsoizzjonijiet jistghu jinkludu htigiet li jikkoncernaw it-trasparenza ta' operazzjonijiet konkluzi, l-izvelar totali ta' ftehim ta' regolarizzazzjoni tal-prezz, sistema gusta ta' tqabbil ta' pari ta' ordnijiet, l-introduzzjoni ta' skema effettiva ta' kxif ta' ordni atipika, skemi robusti bizzejjed ta' ffissar ta' prezzijiet ta' strument finanzjarju u kjarezza ta' regoli dwar is-sospensjoni ta' operazzjonijiet.

(28) Din id-Direttiva ghandha tigi interpretata, u implimentata minn Stati Membri, b'mod konsistenti mal-htigiet ghal regolament effettiv sabiex ikun hemm protezzjoni kontra l-interessi ta' titolari ta' titoli trasferibbli li ghandhom drittijiet ta' vot f'kumpannija (jew li jista' jkollhom dawn id-drittijiet bhala konsegwenza ta' l-ezercizzju tad-drittijiet jew il-konverzjoni) meta l-kumpannija hija soggetta ghal offerta pubblika *take-over* jew bidla ohra proposta ta' kontroll. B'mod partikolari, din id-Direttiva ma tipprevjeni b'ebda mod lil Stat Membru milli jqieghed jew li jkollu dawn il-mizuri kif jara gusti ghal dawn l-iskopijiet.

(29) L-access ghal informazzjoni minn gewwa li tirrelata ghal kumpannija ohra u l-uzu taghha fil-kuntest ta' offerta pubblika ta' *take-over* ghall-iskop li jkun hemm kontroll ta' dik il-kumpannija jew li jkun hemm proposta ta' ghaqda ma' dik il-kumpannija m'ghandux fih innifsu jitqies li jikkostitwixxi *insider dealing*.

▼B

(30) Ladarba l-akkwist jew id-disponiment ta' strumenti finanzjarji jinvolvi necessarjament decizjoni minn qabel għall-akkwist jew id-disponiment li titiehed mill-persuna li tiehu fuqha operazzjoni waħda jew oħra minn dawn, it-twettiq ta' dan l-akkwist jew dan id-disponiment m'għandux jitqies fih innifsu li jikkostitwixxi l-użu ta' informazzjoni minn ġewwa.

(31) Riċerka u estimi żviluppati minn *data* disponibbli pubblikament m'għandhomx jitqiesu bħala informazzjoni minn ġewwa u, għalhekk, kull operazzjoni mwettqa abbażi ta' din ir-riċerka jew dawn l-estimi m'għandhiex titqies fiha nnifisha li tikkostitwixxi *insider dealing* fis-sens ta' din id-Direttiva.

(32) L-Istati Membri u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, bank ċentrali nazzjonali jew kull korp ieħor uffiċjalment nominat, jew kull persuna li taġixxi għan-nom tagħhom, m'għandhomx ikunu ristretti fit-twettiq ta' politika monetarja, ta' rata tal-kambju jew ta' amministrazzjoni ta' debitu pubbliku.

(33) L-Istabilizzazzjoni ta' strumenti finanzjarji jew kummerċ f'ishma proprji fi programmi *buy back* tista' tkun leġittima, f'ċerti ċirkostamzi, għal raġunijiet ekonomiċi u m'għandhiex, għalhekk, fiha nnifisha titqies bħala abbuż tas-suq. *Standards* komuni għandhom jiġu żviluppati sabiex tiġi provduta gwida prattika.

(34) Biex jitwessa' l-qasam ta' applikazzjoni ta' swieq finanzjarji, il-bidla rapida u l-firxa ta' prodotti u żviluppi ġodda hemm il-ħtieġa ta' applikazzjoni wiesgħa ta' din id-Direttiva għal strumenti u tekniċi finanzjarji involuti, sabiex tiġi garantita l-integrità ta' swieq finanzjarji Komunitarji.

(35) Biex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ugwali ta' operazzjoni fi swieq finanzjarji Komunitarji hemm il-ħtieġa ta' applikazzjoni ġeografika wiesgħa koperta b'din id-Direttiva. Fir-rigward ta' strumenti derivattivi mhux ammessi għal negozju imma li jaqgħu fil-qasam ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, kull Stat Membru għandu jkun kompetenti biex jagħti sanzjonijiet fuq azzjonijiet imwettqa fit-territorju tiegħu jew barra minnu li jikkonċernaw strumenti finanzjarji bażi ammessi għal kummerċ f'suq regolat li jinstab jew li jopera fit-territorju tiegħu jew li għalih saret talba għal ammissjoni għal kummerċ f'dan is-suq regolat. Kull Stat Membru għandu wkoll ikun kompetenti biex jagħti sanzjoni fuq azzjonijiet imwettqa fit-territorju tiegħu li jikkonċernaw strumenti finanzjarji bażi ammessi għal kummerċ f'suq regolat fi Stat Membru jew li għalihom saret talba għal ammissjoni għal kummerċ f'dan is-suq.

(36) Varjetà ta' awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri, li jkollhom responsabbiltajiet differenti, tista' tikkrea konfużjoni fost atturi ekonomiċi. Awtorità kompetenti singola għandha tiġi nominata f'kull Stat Membru sabiex tassumi mill-inqas responsabbiltà finali għas-sorveljanza ta' konformità mad-dispożizzjonijiet adottati skond din id-Direttiva, kif ukoll kollaborazzjoni internazzjonali. Din l-awtorità għandha tkun ta' natura amministrattiva li tiggarantixxi l-indipendenza tagħha minn atturi ekonomiċi u li tevita kunflitti ta' interess. Skond il-liġi nazzjonali, Stati Membri għandhom jassiguraw finanzjar approprjat ta' l-awtorità kompetenti. Dik l-awtorità għandu jkollha arranġamenti adegwati għal konsultazzjoni li tikkonċerna bidliet possibbli fil-leġislazzjoni nazzjonali bħal kumitat konsultattiv kompost minn rappreżentanti ta' dawk li joħorġu informazzjoni, provvedituri u konsumaturi ta' servizzi finanzjarji, sabiex tkun kompletament infurmata bl-opinjonijiet u bil-ħsibijiet tagħhom.

▼B

(37) Sett minimu komuni ta' għodda u setgħat effettivi għall-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru jiggarantixxi effettività ta' sorveljanza. Imprizi tas-suq u l-atturi ekonomici kollha għandhom ukoll jikkontribwixxu fil-livell tagħhom għall-integrità tas-suq. F'dan is-sens, in-nomina ta' awtorità singola kompetenti għal abbuz tas-suq ma teskludix rabtiet ta' kollaborazzjoni jew delegazzjoni taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità kompetenti, bejn dik l-awtorità u intraprizi tas-suq bl-iskop li tiġi garantita sorveljanza efficjenti ta' konformità mad-dispozizzjonijiet adottati skond din id-Direttiva.

(38) Sabiex jiġi assigurat li kwadru Komunitarju kontra abbuz tas-suq huwa sufficjenti, kull ksur tal-projbizzjonijiet jew tal-ħtiġiet stabbiliti skond din id-Direttiva jkollhom jiġu ntraccati u mogħtija sanzjoni. Għal dan l-iskop, sanzjonijiet għandhom ikunu disswazivi bizzejjed u proporzjonati għall-gravità tal-ksur u għall-gwadanni realizzati u għandhom ikunu applikati b'mod konsistenti.

(39) L-Istati Membri għandhom jibqgħu attenti, fid-determinazzjoni tal-mizuri amministrattivi u s-sanzjonijiet, għall-bzonn li jiġi assigurat grad ta' uniformità ta' regolament minn Stat Membru għall-ieħor.

(40) Attivitajiet trans-fruntieri dejjem jizdiedu jeħtieġu kooperazzjoni msaħħa u sett komprensiv ta' dispozizzjonijiet għall-iskambju ta' informazzjoni bejn awtoritajiet nazzjonali kompetenti. L-organizzazzjoni ta' sorveljanza u ta' poteri investigatorji f'kull Stat Membru m'għandhiex tfixkel il-kooperazzjoni bejn awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

(41) Ladarba l-mira ta' l-azzjoni proposta, l-iktar għall-prevenzjoni ta' abbuz tas-suq fil-forma ta' *insider dealing* u manipulazzjoni tas-suq, ma tistax tintlaħaq sufficjentement mill-Istati Membri u tista' għalhekk, għar-raġuni ta' l-iskala u l-effetti tal-mizuri, tintlaħaq aħjar f'livell Komunitarju, il-Komunità tista tadotta mizuri, skond il-principju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-principju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu necessarju sabiex tintlaħaq dik il-mira.

(42) Gwida teknika u mizuri ta' implimentazzjoni għar-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva jistgħu minn zmien għal zmien ikunu necessarji sabiex jittieħed kont ta' zviluppi ġodda fi swieq finanzjarji. Il-Kummissjoni għandu mbagħad ikollha s-setgħa tadotta mizuri ta' implimentazzjoni, sakemm dawn ma jimmodifikawx l-elementi essenzjali ta' din id-Direttiva u ta' l-atti tal-Kummissjoni skond il-principji stabbiliti f'din id-Direttiva, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ewropew tat-Titoli stabbilit bid-Decizjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE ([1]).

(43) Fl-ezercizzju tal-poteri tagħha ta' implimentazzjoni skond din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-principji li ġejjin:

— il-bzonn li tiġi assigurata kunfidenza fi swieq finanzjarji fost investituri billi jiġu promossi *standards* għoljin ta' trasparenza fi swieq finanzjarji,

([1]) GU L 191, tat-13.7.2001, p. 45.

▼B

— il-bzonn li investituri jigu provduti b'firxa wiesgha ta' investimenti ta' kompetizzjoni u livell ta' zvelar u protezzjoni adattat ghac-cirkostanzi taghhom,

— il-bzonn li jigi assigurat li awtoritajiet regolatorji indipendenti japplikaw ir-regoli b'mod konsistenti, specjalment fir-rigward tal-glieda kontra kriminalità ekonomika,

— il-bzonn ghal livelli gholja ta' trasparenza u konsultazzjoni mal-partecipanti kollha tas-suq u mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill,

— il-bzonn li tigi nkoraggita innovazzjoni fi swieq finanzjarji jekk ghandhom ikunu dinamici u efficjenti,

— il-bzonn li tigi assigurata integrità tas-suq b'monitoragg mill-qrib u reattiv ta' innovazzjoni finanzjarja,

— l-importanza tat-tnaqqis ta' l-ispiza ta', u z-zieda ta' access ghall-, kapital,

— il-bilanc ta' l-ispejjez u l-beneficcji ghall-partecipanti tas-suq fuq bazi ghal zmien twil (inkluzi negozji zghar u ta' daqs medju u investituri zghar) fi kwalunkwe mizuri ta' implimentazzjoni,

— il-bzonn li tinzamm il-kompetittività internazzjonali ta' swieq finanzjarji ta' l-UE minghajr pregudizzju ghal estensjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali mehtiega hafna,

— il-bzonn li jintlahqu kondizzjonijiet ugwali ta' operazzjoni ghall-partecipanti kollha tas-suq billi jigu stabbiliti regolamenti generali ta' l-UE kull darba li hu approprjat,

— il-bzonn li jigu rispettati differenzi fi swieq nazzjonali meta dawn ma jhallux effett mhux dovut fuq il-koerenza tas-suq wahdieni,

— il-bzonn li tigi assigurata koerenza ma' legislazzjoni Komunitarja ohra f'dan il-qasam, peress li zbilanci fl-informazzjoni u nuqqas ta' trasparenza jistghu jipperikolaw l-operazzjoni tas-swieq u fuq kollox jaghmlu hsara lill-konsumaturi u lill-investituri zghar.

(44) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-principji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari mill-Artikolu 11 taghha u mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet Umani. F'dan ir-rigward, din id-Direttiva ma tipprevjeni b'ebda mod lil Stati Membri milli japplikaw ir-regoli kostituzzjonali taghhom li jirrelataw ghal-libertà ta' pubblikazzjoni u l-libertà ta' espressjoni fil-medja,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

Ghall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

1. "Informazzjoni minn gewwa" ghandha tfisser informazzjoni ta' natura preciza li ma saritx pubblika, li tirrelata, direttament jew indirettament, ghal wiehed jew iktar li johorgu strumenti finanzjarji jew ghal strument finanzjarju wiehed jew iktar u li, li kieku saret pubblika, x'aktarx kien ikollha effett sinifikanti fuq il-prezzijiet ta' dawk l-istrumenti finanzjarji jew fuq il-prezz ta' strumenti finanzjarji derivattivi relatati.

▼B

Fir-rigward ta' derivattivi dwar komoditajiet "informazzjoni minn gewwa" ghandha tfisser informazzjoni ta' natura preciza li ma saritx pubblika, li tirrelata, direttament jew indirettament, ghal wiehed jew iktar minn dawn id-derivattivi u li utenti tas-swieq li fihom huma kkumercjati dawn id-derivattivi kienu jistennew li jircievu skond prattiki accettati tas-suq f'dawk is-swieq.

Ghal persuni inkarigati bl-ezekuzzjoni ta' ordnijiet li jikkoncernaw strumenti finanzjarji, "informazzjoni minn gewwa" ghandha wkoll tfisser informazzjoni mibghuta minn klijent u relatata ghall-ordnijiet pendenti tal-klijent, li hi ta' natura preciza, li tirrelata direttament jew indirettament ghal wiehed jew iktar li johorgu strumenti finanzjarji jew ghal strument finanzjarju wiehed jew iktar, u li, li kieku saret pubblika kien x'aktarx ikollha effett sinifikanti fuq il-prezzijiet ta' dawk l-istrumenti finanzjarji jew fuq il-prezz ta' strumenti finanzjarji derivattivi relatati.

2. "manipulazzjoni tas-suq" ghandha tfisser:

(a) operazzjonijiet jew ordnijiet ghal kummerc:

— li jaghtu, jew x'aktarx jaghtu, sinjali foloz jew li jqarrqu dwar il-provvista ta', id-domanda ghal jew il-prezz ta' strumenti finanzjarji, jew

— li jassiguraw, permezz ta' persuna, jew persuni li jagixxu f'kollaborazzjoni, il-prezz ta' strument finanzjarju wiehed jew iktar fuq livell anormali jew artificjali,

sakemm il-persuna li dahlet fl-operazzjonijiet jew harget l-ordnijiet ghal kummerc ma tistabbilixxix li r-ragunijiet taghha biex taghmel dan huma legittimi u li dawn l-operazzjonijiet jew l-ordnijiet ghal kummerc ma jikkonformawx ma' prattiki accettati tas-suq dwar is-suq regolat ikkoncernat;

(b) operazzjonijiet jew ordnijiet ghal kummerc li jinvolvu proceduri fittizji jew kull forma ohra ta' qerq jew kontravenzjoni;

(c) tixrid ta' informazzjoni permezz tal-medja, inkluz l-Internet, jew bi kwalunkwe mezz iehor, li taghti, jew x'aktarx taghti, sinjali foloz jew li jqarrqu dwar strumenti finanzjarji, inkluz it-tixrid ta' ghijdud u informazzjoni falza jew li tqarraq, meta l-persuna li xerrditha kienet taf, jew suppost kienet taf, li l-informazzjoni kienet falza jew tqarraq. Fir-rigward ta' gurnalisti meta jagixxu fil-kapacità professjonali taghhom dan it-tixrid ta' informazzjoni ghandu jigi stmat, minghajr pregudizzju ghall-Artikolu 11, b'kont mehud tar-regoli li jirregolaw il-professjoni taghhom, sakemm dawk il persuni ma jiehdux, direttament jew indirettament, vantagg fuq profitti mit-tixrid ta' l-informazzjoni inkwistjoni.

B'mod partikolari, l-istanzi li gejjin johorgu mid-definizzjoni principali moghtija fil-punti (a), (b) u (c) fuq:

— kondotta minn persuna, jew persuni li jagixxu inkollaborazzjoni, sabiex jassiguraw pozizzjoni dominanti fuq il-provvista ta' jew id-domanda ghal strument finanzjarju li ghandu l-effett li jiffissa, direttament jew indirettament, prezzijiet ta' xiri jew bejgh jew li johloq kondizzjonijiet ingusti ta' kummerc

▼B

— ix-xiri jew il-bejgh ta' strumenti finanzjarji fl-gheluq tas-suq bl-effett ta' investituri li jqarrqu li jagixxu abbazi ta' prezzijiet maghluqa

— li jittiehed vantagg minn access okkazjonali jew regolari ghall-medja tradizzjonali jew elettronika billi tigi espressa opinjoni dwar strument finanzjarju (jew indirettament dwar min johorgu) waqt li qabel ikunu ttiehdu pozizzjonijiet dwar dak l-istrument finanzjarju jkun hemm profitt sussegwentement mill-impatt ta' l-opinjonijiet espressi dwar il-prezz ta' dak l-istrument, minghajr ma qabel jigi zvelat simultanjment il-konflitt ta' l-interess ghall-pubbliku b'mod gust u effettiv.

Id-definizzjonijiet ta' manipulazzjoni tas-suq ghandhom jigu adattati sabiex jigu assigurati mudelli godda ta' attività li fi-prattika jikkostitwixxu manipulazzjoni tas-suq jistghu jigu inkluzi.

3. “Strument finanzjarju” ghandu jfisser:

— titoli trasferibbli kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE ta' l-10 ta' Mejju 1003 dwar servizzi ta' investiment fil-qasam tat-titoli ([1]),

— unitajiet f'intraprizi ta' investiment kollettiv,

— strumenti tas-suq tal-flus,

— kuntratti ta' futuri finanzjarji, inkluzi strumenti ekwivalenti rizoluti bil-flus

— ftehim bil-quddiem b'rati ta' imghax,

— skambju ta' rata ta' imghax, munita u ekwità,

— ghazliet ghall-akkwist jew id-disponiment ta' kull strument li jaqa' f'dawn il-kategoriji, inkluzi strumenti ekwivalenti rizoluti bil-flus,

— derivattivi fuq komoditajiet,

— kull strument iehor ammess ghall-kummerc f'suq regolat fi Stat Membru jew li ghalih saret talba ta' ammissjoni ghall-kummerc f'dan is-suq.

4. “Suq regolat” ghandu jfisser suq kif definit bl-Artikolu 1(13) tad-Direttiva 93/22/KEE.

▼M1

5. “Prattiki accettati tas-suq” ghandhom ifissru prattiki li huma ragonevolment mistennija f'suq finanzjarju wiehed jew iktar u huma accettati mill-awtorità kompetenti skond il-linji gwida adottati mill-Kummissjoni skond il-procedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 17(2a).

([1]) GU L 141, tal-11.6.1993, p. 27. Direttiva kif l-ahhar emendata mill-Parlament Ewropew u bid-Direttiva tal-Kunsill 2000/64/KE (GU L 290, tas-17.11.2000, p. 27).

▼M2

L-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (minn hawn 'il quddiem "AETS"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] (l-"ASE(AETS)"), tista' tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tiżgura kondizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni tal-atti adotatti mill-Kummissjoni skont dan l-Artikolu fir-rigward ta' prattiki tas-suq aċċettati.

Is-setgħa hija mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

▼B

6. "Persuna" ghandha tifsser kull persuna fizika jew guridika.

7. "Awtorità kompetenti" ghandha tfisser l-awtorità kompetenti nnominata skond l-Artikolu 11.

Sabiex jitqiesu l-izvilupp fis-swieq finanzjarji u sabiex tigi assigurata applikazzjoni uniformi ta' dinid-Direttiva fil-Komunità, il-Kummissjoni, ►M1 ————— ◄ ghandha tadotta mizuri ta' implimentazzjoni li jikkoncernaw il-punti 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu. ►M1 Dawk il-mizuri, imfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, ghandhom jigu adottati skond il-procedura regolatorja bi skrutinju li tissemma fl-Artikolu 17(2a). ◄

*L-Artikolu 2*

1. L-Istati Membri ghandhom jipprojbixxu lil kull persuna msemmija fit-tieni subparagrafu li ghandha informazzjoni minn gewwa milli tuza dik l-informazzjoni billi takkwista jew tiddisponi minn, jew billi tipprova takkwista jew tiddisponi minn, ghall-kont proprju jew ghall-kont ta' parti terza, jew direttament jew indirettament, strumenti finanzjarji li tirrelata ghalihom l-informazzjoni.

L-ewwel subparagrafu ghandu japplika ghal kwalunkwe persuna li tippossjedi dik l-informazzjoni:

